**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten',** 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 08/09 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 29/10/2009 fis-06.25pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

| **Attendenza** | | |
|---|---|---|
| | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Preżenti |
| | Darmanin Richard | Skużat |
| | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | Hales Joseph | Preżenti |
| | Pace Darrell | Preżenti mis-6.40pm |
| | Seychell Anthony | Preżenti mis-7.00pm |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti mis-6.35pm |

**Preżenti wkoll** Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**08. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 08. 1. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Camilleri | **Il-Minuti 07/09 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 07.5.2 | Jiżdiedu l-kliem 'assoċjati mill-Kunsill speċjalment il-youths@local'. | | |
| 08. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**08. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 08. 2. 1 | 07.2.1 | Sindku: Mużew taż-Żejt | **Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat korrispondenza lil Ms M. Sciberras u kif ukoll lill-Mepa u lill-Prim Ministru dwar it-tfixkil li qed isib il-Kunsill biex isir il-Mużew taż-Żejt u jitnieda pjan għall-iżvilupp sostenibbli**. Ġie innutat li l-insistenza min-naħa tad-dipartiment li l-proposta tal-Kunsill li ser tnaqqas il-faċilitajiet sportivi hija biss skuża għax id-dipartiment għandu l-permess tal-MEPA għall-bini ta' gymnasium u librerija PA1080/00. | Sindku |
| 08. 2. 2 | 07.2.3 | Sindku: Bozza ġdida fi Triq il-Qalb ta' Ġesu' | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser issir talba għall-bozza fuq in-naħa l-oħra tat-triq. | Sindku |
| 08. 2. 3 | 07.2.4 | Sindku: Roqgħa ta' ilma fi Triq Daħla ta' San Tumas | Is-Sindku qal li x-xogħol li kellu jsir biex jitneħħa l-inkonvenjent minħabba r-roqgħa ta' ilma fi Triq Daħla ta' San Tumas ma sarx peress li ħadd mill-Kuntratturi ma jrid jaħdimha. Il-Kunsill talab stima lill-kuntrattur J & J Schembri li qatt ma waslet. Is-Sindku ser jagħmel ħiltu biex il-problema tittaffa. | Sindku |
| 08. 2. 4 | 07.2.5 | Sindku: Ħlas għal ġbir ta' skart | Il-Kunsill talab sabiex jingħata informazzjoni kemm it-tunnellata ta' skart qed tasal il-barriera miż-Żejtun. Mill-1 ta' Ottubru l-Kunsill ser jibda jħallas Eur20 għal kull tunellata skart. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 2. | 5 | 07.2.7 | Sindku: Ftuħ ta' nhar ta' Sibt | Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa l-Kunsill qed jiftaħ nhar ta' Sibt. Jidher li s'issa ma kienx hemm konkorenza kbira mill-pubblika għaldaqstant ser tinzamm statistika ta' kemm tattendi nies kull nhar ta' Sibt u x'servizz jitolbu. Għal din is-sena l-ispiża ta' l-overtime ser tkun koperta biż-żieda li l-Kunsill ingħata fl-allokazzjoni finanzjarja għar-riżorsi umani. Għas-sena d-dieħla tkun ikkunsdrata s-sitwazzjoni skond l-allokazzjoni min-naħa tal-Gvern. | Sindku |
| 08. | 2. | 6 | 07.2.9 | ADT: No parking fi Triq Ħal Tarxien | Is-Sindku informa lill-Kunsill li s'issa ma nstama xejn min-naħa ta' l-ADT. | Darmanin |
| 08. | 2. | 7 | 07.2.11 | Sindku: Inċident tat-traffiku fi Triq President A. Buttiġieġ | Il-Kunsill ser jibgħat ittra ta' protesta peress li minkejja li għaddew xahrejn mid-diżgrazzja li saret fi Triq President Anton Buttiġieġ, l-ADT minkejja ħafna wegħdi baqgħet ma tatx informazzjoni dwar offerti li ħarġet biex isir it-traffic calming jew meta ser isir ix-xogħol. | Darmanin |
| 08. | 2. | 8 | | Viċi-Sindku f'Xarabank | B'referenza għad-diskussjoni li saret fuq il-programm televiżiv Xarabank, il-Viċi-Sindku semmiet il-multa li nħarġet lill-Kunsill min-naħa tal-MEPA minħabba żbir ta' siġar fi Vjal 25 ta' Novembru. | |
| 08. | 2. | 9 | | Viċi-Sindku: Traffiku u Lidl f'Tal Barrani | Il-Viċi-Sindku semmiet ukoll il-periklu eżistenti fi Triq Tal Barrani peress li s-sewwieqa qed jagħmlu U turn. Camilleri qal li twaħħlu tabelli fi Triq Tal Barrani li juru lis-sewwieqa biex ma jagħmlux u turn. Il-Kunsill ħass li għandu jikteb l-ADT li minħabba l-Lidl supermarket is-sewwieqa qed joħolqu periklu kbir peress li minn Tal Barrani south bound biex immorru għand il-Lidl qed jagħmlu right turn li din tmur kontra il-lights. Il-Kunsill xtaq ikun jaf min hi l-persuna responsabbli**. Il-Kunsill qabel li jwaħħal no turn sign fuq is-central strip fi Vjal 25 ta' Novembru.** | Darmanin |
| 08. | 2. | 10 | 07.3.3 | Viċi-Sindku: Premju Lokalitjiet Indaf | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li għada 30 ta' Ottubru fil-11.00am ser isir l-geħluq tal-kampanja 'Zejtun Nadif Għalik u Għalija' f'Misraħ Mikiel Anton vassalli. Irringrazzjat lill-Arċipriet, l-iskejjel Kindergarten u Primarja A. B'dispjaċir innutat li mill-iskola Primarja B ipparteċipaw 39 student biss. Dan ġara minħabba li s-Sur Johann Galea spiċċa minn Kap wara biss xahar li fetħet is-sena skolastika. **Il-Kunsill qabel li għandu jipprotesta mal-Ministru ta' l-Edukazzjoni sabiex jinħatar Kap ta' l-Iskola mill-aktar fis.** | Viċi-Sindku Camilleri |
| 08. | 2. | 11 | 07.3.6 | Segretarju Eżekuttiv: Sqaq San isidoru | Dwar ir-rimi ta' skart ġo art privata fi Sqaq Sant'Isidoru, spetturi tal-MEPA marru fuq il-post u raw b'għajnejhom il-ħmieġ li hemm. Is-sit għandu jitnaddaf dil-ġimgħa stess. | Wille Piscopo |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 2. | 12 | 07.3.8 | Fenech: Kiri ta' Sala Ġnien San Girgor | Fenech iltaqgħet mas-Sur Brian Tonna u dan aċċettata li jħallas Eur10 kull darba li juża s-sala bil-quddiem għal xahar. Huwa xtaq li jsir ftehim bil-miktub. Is-sala ser tintuza kull nhar ta' Erbgħa bejn is-6 u 9pm minn Jannar 2010. Fenech ġibdet l-attenzjoni dwar it-tibjid li hemm bżonn li jsir kif ukoll issir purtiera biex jekk ikun hemm bżonn li xi ħadd jidħol fis-sala waqt il-ħin tal-lezzjoni ma jkunx hemm interruzzjonijiet. Fenech qalet li l-bieb u s-shutter ittranġaw. | Fenech Sindku |
| 08. | 2. | 13 | 07.5.2 | Viċi-Sindku: Żejt iż-Żejtun 2010 | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li d-data tan-Notte Bianca inbidlet u din ser taħbat ma' Żejt iż-Żejtun 2010. Hija avviċinat lil Dr Chris Said u ser jara x'jista' jsir sabiex dwn iż-żewġ attivitajiet ma jaħbtux ma' xulxin. **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb f'dan ir-rigward lill-Kultura.** | Sindku Viċi-Sindku |
| 08. | 2. | 14 | 07.9.1 | Hales: Triq Gużi Abela | Hales informa lill-Kunsill li għadha ma saritx l-applikazzjoni quddiem il-MEPA għal tneħħija ta' siġar minn Triq Ġużi Abela. | Hales |
| 08. | 2. | 15 | 07.9.3 | Hales: Tindif tal-Barumbara | Hales għarraf lill-Kunsill li tnaddfet il-barumbara. Is-Sindku qal li għandha ssir xibka biex ma jinżlux ħamiem. | Hales |
| 08. | 2. | 16 | 07.9.4 | Pace: Problema tad-drenaġġ | Minkejja li ntbagħtet korripondenza dwar diversi problemi tad-drenaġġ madwar il-lokalita' lill-Ministeru min-naħa ta' Pace, s'issa għad ma kellux risposta. **Il-Kunsill qabel li għandu jibqa' jinsisti.** | Pace |
| 08. | 2. | 17 | 07.9.5 | Fenech: Proġett Arti Żagħżugħa | Fenech tat rapport tal-live in li sar f'M'Xlokk fejn għalih attendew madwar 29 żgħażagħ. Intalab permess mill-iskola sabiex tittella wirja iżda s'issa ma ngħatatx risposta. Inxtraw żewġ amplifiers wieħed għall-kitarra u l-ieħor għal base kif ukoll inkriet id-drumkit. Is-sezzjonijiet ta' l-arti tlestew u issa bdew is-sezzjonijiet tal-fotografija. | Fenech |
| 08. | 2. | 18 | 07.9.6 | Fenech: Attivitajiet | Fenech infurmat il-Kunsill li ttellegħet il-ġimgħa taż-żgħażagħ ġewwa l-Valletta Waterfront iżda ż-żgħazagħ ma ħadux sehem għax waslu tard. Għada 30 ta' Ottubru ser issir l-attivita' ta' Halloween f'Qasam Ħal Tmiem fejn iż-żgħażagħ ser iħabbtu l-bibien u jitolbu bottijiet tal-preserve li dawn ser jgħaddu lill-Creche ta' l-Ursolini Sliema. | Fenech |
| 08. | 2. | 19 | 07.9.7 | Viċi-Sindku: Vaċċin ta' l-Influenza | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-kusnill li inkitbu 1,200 ruh gaħħ-vaċċin ta' l-influwenza. Din id-darba d-Dipartiment tas-Saħħa mhux ser jagħti vaċċin għal każijiet kroniċi. Il-vaċċin ser jingħata bejn it-3 u l-4 ta' Novembru bejn is-2.30pm u s-6.00pm. | Viċi-Sindku |
| 08. | 2. | 20 | 07.9.8 | Viċi-Sindku: Kampanja 'Żejtun Nadif Għalik u Għalija' | Il-Viċi-Sindku tat rapport tal-Kampanja Żejtun Nadif Għalik u Għalija. Tqassmu madwar 800 survey u daħlu lura 786. Ir-rispons kien tajjeb ħafna. Ser issir powerpoint presentation bl-istatistika tas-survey. Fiha ser joħroġ ċar kemm isir użu mis-servizz tal-ġbir ta' skart goff. | Viċi-Sindku |
| 08. | 2. | 21 | 07.9.9 | Pace: Patching fi Triq John Borg | Pace informa lill-Kunsill li l-patching li sar fi Triq John Borg ġie tajjeb ħafna iżda ma sarx sealer bejn it-tarmak il-ġdid u dak qadim. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 2. | 22 | 07.9.10 | Segretarjat: Ħaddiema ETC | Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif żewġ ħaddiema assenjati mal-Kunsill mill-ETC, ma rnexxilhomx jagħmlu din l-iskema possibli. Dan peress li wieħed ma attendiex mill-ewwel ġurnata filwaqt li l-ieħor attenda ġurnata waħda biss u l-ġurnata ta' wara lanqas biss informa lill-Kunsill li mhux ser jiġu iktar. | Sindku |
| 08. | 2. | 23 | 07.9.12 | Seychell: Wirja Filtaelika | Seychell informa lill-Kunsill li ġiet inawgurata l-wirja tal-filatelija. B'dispjacir innota li mill-kunsilliera ma attenda ħadd iżda attendew Dr Owen Bonnici, Membru Parlamentari u żewġ rappreżentanti mill-Għaqda Banda Żejtun. | Seychell |

**08. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML08/09. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 3. | 1 | 01 | MEPA:- 03728/09 | **Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan is-sit jinsab fil-*village core* u għalhekk għandu jinżamm it-*texture* u l-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 08. | 3. | 2 | 06 | DLG: Rapport dwar l-effiċjenza | Wara li saru analiżi dwar rapport li l-Kunsill irċieva fuq l-effiċjenza ta' l-istess Kunsill, Hales irrimarka li ċertu spezzjonijiet saru fit-8am meta lanqas biss ikun għadu għadda kennies jew inġabar l-iskart. Dwar il-latrini tas-Suq din meħtieġa biss nhar ta' Erbgħa u l-Kunsill m'għandux għalfejn jiftaħha l-ġimgħa kollha. **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-punti li ġew diskussi waqt il-laqgħa.** | Sindku Hales |
| 08. | 3. | 3 | 11 | DLG: Post għall-Uffiċċju Reġjonali | **Il-Kunsill qabel li għandu jindika l-kamra tal-korsijiet ta' Ġnien San Girgor bħala post għall-uffiċċju reġjonali. Ser tintalab is-somma ta' Eur4,666 fis-sena inkluż id-dawl u l-ilma. Għandu jitkompla r-refurbishment fis-sular ta' fuq taċ-Ċentru Arti u Artiġjanat sabiex il-korsijiet ikunu jistgħu isiru f'dan iċ-Ċentru.** | Sindku |
| 08. | 3. | 4 | 12 | DLG: Approvazzjoni għal ħaddiem addizjonali | Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali approva li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-ħaddiem klerikali fuq bażi full time. **Il-Kunsill qabel li għalissa għandu jagħmel sejha għal part-timer.** | Sindku |
| 08. | 3. | 4 | 17 | Fr Eric Overend: Vista Pastorali minn Mons Arċisqof Pawlu Cremona | Is-Sindku u l-kunsilliera ser jattendu għall-vista pastorali li ser issir mill-Arċisqof Pawlu Cremona nhar is-7 ta' Novembru fis-7.30pm ġewwa s-Sala Parrokkjali. | Kunsilliera |
| 08. | 3. | 5 | 18 | Żejt iż-Żejtun 2009 | Ser jinġabru l-emails u l-korrispondenza kollha li l-Kunsill irċieva dwar Żejt iż-Żejtun sabiex issir analiżi tagħhom. | Sindku Viċi-Sindku |
| 08. | 3. | 6 | 19 | A. Sammut: Sleeping Policemen Fi Triq M'Xlokk | Il-Kunsill qara l-korrsipondenza tas-Sur Sammut dwar it-talba tiegħu għal sleeping policemen fi Triq M'Xlokk. **Il-Kunsill innota li ma jistax jagħmel sleeping policemen f'kull triq fil-lokalita' iżda jsiru fejn hemm periklu serju.** | Darmanin |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 3. | 7 | | 20 | MOC: MOC Local Council Sports Awards' | **Il-Kunsill qabel li għandu jidħol għal MOC Local Council Award u jindika l-Isports Fair li saret f'Marzu li għadda bħala attivita' li saret mill-Kunsill b'rabta ma' l-isports.** | Fenech |
| 08. | 3. | 8 | | 21 | ADT: Half Day Seminar | Is-Sindku talab lil Darmanin sabiex jattendi għal seminar ta' nofs ġurnata li ser isir nhar il-5 ta' Novembru fis-Sala tal-Konferenzi f'Dar il-Mediterran bit-tema 'Traffic Management & Health & Safety on Road Interventions'. | Darmanin |
| 08. | 3. | 9 | | 22 | OPM: Laqgħa għal Lokalitajiet Sostenibbli | **Il-Kunsill iddeċieda li ma jattendix bi protesta għal-laqgħa dwar lokalitjiet sostenibbli peress li l-Kunsill mhuwiex qed isib sostenn fl-applikazzjoni tiegħu għall- Mużew taż-Żejt.** | Sindku |
| 08. | 3. | 10 | | | AKL: European Democracy Week | Il-Viċi-Sindku spjegat li l-AKL bagħtet korrisponenza li xtaqet tagħmel laqgħa dwar European Democracy ġewwa d-Dar ta' l-Anzjani. Din il-laqgħa saret u għaliha attenda l-President tar-Reġjun is-Sur Paul Farrugia. | Viċi-Sindku |
| 08. | 3. | 11 | | | Viċi-Sindku: Kura għall-persuni b'mard mentali | Il-Viċi-Sindku ġiet avviċinata minn grupp ta' social workers, phisiotherapists u occupational therapists fejn infurmawha li ser isir day care centre għal mental cases. Dawn is-servizzi ser jibdew jingħataw minn Dar it-Tagħlim fi Triq San Girgor. Dan ser ikun l-ewwel servizz professjonali ta' din ix-xorta. Huma staqsew għall-post fejn ikunu jistgħu jsiru testijiet li bħalissa persuna b'każ mentali trid tmur Mount Carmel. Il-Kunsill issuġerixxa li dan għandu jibda jsir mill-Berġa. | Viċi-Sindku |
| 08. | 3. | 12 | | | Kummissarju tat-Tfal: Ġuġinu Week | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li nhar it-23 ta' Novembru ser tibda l-ġimgħa b'rabta mal-mascot Ġuġinu. | Viċi-Sindku |
| 08. | 3. | 13 | | | Sindku: Stedina | Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsill biex jattendu għall-ftuħ ta' Dar Jean Vanier nhar il-11 ta' Novembru 2009 fis-7.00pm mill-ET Mons Arċiqof Pawlu Cremona. | |
| **08.** | **4.** | | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. | 4. | 1 | | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 08. | 4. | 2 | | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/09 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 08/09 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 08. | 4. | 2 | i | 102 | Ġie innutat li nxtraw halogen lamps u mhux floodlights. | | Segretarjat |
| | | | | 127 | Fenech irrimarkat li Simon Schembri ħa rimborż għal amplifier u għall-kiri ta' drumkit. | | |
| 08. | 4. | 3 | | | Talbiet għal Xiri 08/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 08. | 4. | 4 | | | Petty Cash - Ottubru 2009 | **Il-Kunsill approva nem.con. Il-petty cash li ntefaq f'Ottubru 2009 kien jammonta ghal €197.35.** | Segretarjat |
| **08.** | **5.** | | | | **Green Challenge Award** | | |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 5. 1 | | Viċi-Sindku: Rapport | Il-Viċi-Sindku rrapurtat li s'issa l-Kunsill jinsab ma' l-għaxar finalisti. Ser issir attivita' oħra fejn fiha ser jiġi mħabbar r-rebbieħ u kemm kull Kunsill ser jingħata fondi. | |

**08. 6. Skema ta' Aċċessibilita'**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 6. 1 | | Sindku: Bdil ta' garaxx f'customer care unit | is-Sindku spjega li beda x-xogħol fuq il-garaxx liema xogħol irid jitlesta sa l-aħħar tas-sena. F'Jannar ser jibda jsir użu mill-garaxx mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali għal sitt xhur għall-prezz ta' Eur20 kull ġurnata. F'dan ir-rigward ser isiru taħdidiet mas-Sur Mark Mousu'. | Sindku |

**08. 7. Xogħlijiet fi Ġnien Brejġu**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 7. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku irrapporta dwar ix-xogħol li qed isir bħalissa fi Ġnien Brejġu. | Sindku |

**08. 8. Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 08. 8. 1 | | Proposta: Kartolini tal-Milied | Seychell ippropona sabiex din is-sena minflok jintbaghtu kartolini tal-Milied, l-istess spiża tingħata f'ammont lil Community Chest Fund. Il-Kunsill iħoss li għandu jibgħat kartolini tal-Milied xorta waħda. Fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill għandu jiddeċiedi kif jista jiġbor flus għall-Community Chest Fund. |

**08. 9. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 9. 1 | | Viċi-Sindku: Bukketti tal-Fjuri | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ntbagħtu żewġ bukketti tal-fjuri lil Dun Joe Abela li qiegħed id-Dar tal-Kleru u lis-Supretendent Ray Vella Gregory li qiegħed l-isptar. | Viċi-Sindku |
| 08. 9. 2 | | Wille Piscopo: Tabelli | Wille Piscopo irringrazzjat lil Hales għat-tabelli li twaħħlu madwar il-lokalita' kif ukoll ġibdet l-attenzjoni dwar tabella maqlugħa fi Triq Dejma k/m Triq il-Kantur u kif ukoll minn ħdejn Alex Mercieca Bathroom Centre. Hales qal li fadal ftit tabelli oħra x'jitwaħħlu biex dawn ikunu lesti kollha. | Darmanin |
| 08. 9. 3 | | Wille Piscopo: zebra crossing fi Triq Labour | **Fuq talba ta' Wille Piscopo il-Kunsill qabel li għandu jikteb l-ADT għall-approvazzjoni ta' zebra crossing fi Triq il-Labour.** | Darmanin |
| 08. 9. 4 | | Wille Piscopo: Misraħ Indipendenza | Wille Piscopo talbet lill-Kunsill sabiex jirranġa Misraħ Indipendenza. Is-Sindku spjega li dan jiddependi mid-devoluzzjoni biex jitkabbar is-Suq. Pace spjega li għadu bla tweġiba mid-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Artijiet. | Pace |
| 08. 9. 5 | | Hales: Servizz tat-Telefon | Hales talab sabiex il-Kunsill jabbona għall-linja tat-telefon 27663866 mal-kumpanija Melita. Dan ghall-benefiċċju tal-klijenti ta' l-istess kumpanija. **Il-Kunsill qabel nem.con**. iżda s-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li s-sitema tal-PABX ma tiflaħx għal-linja oħra. | Segretarjat |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 9. | 6 | Hales: Bus Shelter Triq Tal Barrani | Hales talab sabiex tinkiteb ittra lill-ADT għal tindif tal-bus shelter li hemm fi Triq Tal Barrani quddiem Montebello showroom. Il-Kunsill laqa din it-talba. | Darmanin |
| 08. | 9. | 7 | Hales: Stedina lill-President | Hales talab lill-Kunsill jikkunsidra li jistieden lill-President ta' Malta. Fil-fatt dan jaqbel mal-policy tal-Kunsill. | Segretarjat |
| 08. | 9. | 8 | Hales: Tender - Dwal tat-Toroq | Hales staqsa jekk il-kuntrattur tal-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq għadux l-istess u jekk ir-rata baqgħetx l-istess. Ir-risposti kienu fil-pożittiv u dan skond direttiva maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li ma toħroġx offerta ġdida. | Sindku |
| 08. | 9. | 9 | Fenech: Sezzjonijiet ta' l-Aerobics | Fenech għarrfet lill-Kunsill dwar is-sezzjonijiet ta' l-aerobics li għaddejjin bħalissa li minnhom 3 blokki ta' sezzjonijiet li diġa' spiċċaw. Bħalissa qed tavviċina nutrionistist biex tagħmel talk għall-istess parteċipanti. | Fenech |
| 08. | 9. | 10 | Fenech: Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ | Fenech infurmat lill-Kunsill b'korrispondenza mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħazagħ fejn il-Kunsill Lokali qed jintalab jidħol għall-proġett "Kunsill taż-Żgħażagħ" li fih ma ġiex konsultat u m'għandux leħen. B'dispjaċir il-Kunsill innota li għall-ewwel darba ma jistax jidħol għall-proġett bħal dan. | Fenech |
| 08. | 9. | 11 | Pace: Traffiku | Pace ġibed l-attenzjoni dwar sewqan abbużiv fit-toroq peress li mhux qed ikunu osservati one ways fi Triq Tamburin u Triq Xandru Farrugia kif ukoll is-sewqan eċċessiv fi Triq il-labour. Is-Sindku qal li ser jintbagħatu l-Pulizija u l-Gwardjani Lokali fit-toroq indikati. | Darmanin |
| 08. | 9. | 12 | Pace: Periklu Triq il-Labour | Pace talab sabiex jittieħdu l-prekawzjonjiet neċessarji fix-xogħol li qed isir mill-kuntrattur ta' Triq il-Labour. Dan peress li hemm gandott mikxuf u l-barriers mhumiex mimlijin bl-ilma. Fil-fatt il-Pulizija diġa' ġew infurmati biex jieħdu passi. | Darmanin |
| 08. | 9. | 13 | Camilleri: Tindif | Camilleri irringrazzja lil Hales għat-tindif li sar minn Triq it-Tempju. | Hales |
| 08. | 9. | 14 | Camilleri: Sinjali tat-traffiku | Filwaqt li Camilleri irringrazzja għas-sinjali tat-traffiku li saru fi Triq Falkunier, huwa talab sabiex dawn jiġu estiżi għall-aħħar żewġ toroq li fadal li huma Triq Arkibużier u Triq Kapumastru. Huwa semma l-abbuż ta' pparkjar ta' xarabank fl-inħawi kif ukoll l-approvazzjoni għal zebra crossing quddiem is-St. Catherine Pharmacy li għadha ma ħarġitx. | Darmanin |
| 08. | 9. | 15 | Camilleri: Traffic Island | Camilleri reġa' talab lill-Kunsill jikkunsidra li issir traffic island fi Triq Tal-Ħotba. | Darmanin |
| 08. | 9. | 16 | Camilleri: Bozza ġdida | Camilleri talab sabiex issir bozza ġdida fi Triq Hector Dalli kantuniera ma' Triq Toni Zahra. | Sindku |
| 08. | 9. | 17 | Camilleri: Rritratti 100 sena skola | **Il-Kunsill qabel li jħallas Eur30 lill-Maġġur Abela għar-ritratti li ġew esebiti fl-attivita 100 sena skola, biex dawn isiru proprejta' tal-Kunsill.** | Camilleri |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 9. | 18 | Camilleri: Mejda ta' l-Appostli | Camilleri ressaq quddiem il-Kunsill proposta ta' persuna li avviċinatu u li tixtieq tagħmel mejda ta' l-apposti fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat. Is-Sindku talab sabiex issir xi ħaġa differenti peress li diversi għaqdiet Żwieten qed jesebixxu medja ta' l-appostli diġa'. | Camilleri |
| 08. | 9. | 19 | Seychell: Water Leakage | Seychell ressaq il-każ dwar ilma ħiereġ barra fi Sqaq Strejnu Nru 2 li minkejja li jiġi rrapurtat minflok issewwu fejn ikun ħiereġ l-ilma jagħmlu ħofra band oħra. | Pace |
| 08. | 9. | 20 | Seychell: Heritage Route għat-Tfal | Seychell staqsa jekk jistax jagħmel il-heritage route għat-tfal bħas-snin li għaddew. Ir-risposta kienet fil-pożittiv. | Seychell |
| 08. | 9. | 21 | Seychell: Tfiegħ ta' skart | Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar rimi ta' skart fi Triq Bormla wara residenza nru 5. Fenech talbet sabiex tingħata attenzjoni wkoll Triq l-Għannejja ħdejn il-letter box. | Sindku |
| 08. | 9. | 22 | Seychell: Pubblikazzjoni | Seychell talab sabiex tintbagħat korrispondenza lill-Ambaxxata Spanjola ħalli ikun magħruf għadhomx interessati jisponsorjaw il-pubblikazzjoni tas-seminar l-Indusrija tal-Qoton. Sandro Debono diġa' intalab jiġbor informazzjoni dwar it-tlett kelliema. | Segretarjat |
| 08. | 9. | 23 | Viċi-Sindku: Grupp mix-Xgħajra | Il-Viċi-Sindku irringrazzjat lill-Seychell ta' l-ospitalita' li offra lill-grupp mix-Xgħajra li żar l-uffiċini tagħna nhar il-Tlieta, 27 ta' Ottubru. | Seychell |
| 08. | 9. | 24 | Sindku: Gal Xlokk | Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar is-Sibt 31 ta' Ottubru ser issir l-ewwel laqgħa tal-Gal Xlokk għall-pubbliku ġewwa l-Kunsill Lokali Żejtun. | Sindku |
| 08. | 9. | 25 | Viċi-Sindku: Għoti ta' ċertifikati | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 2 ta' Novembru ser isir it-tqassim ta' ċertifikati lit-tfal li attendew il-korisjiet fis-sajf. Wara ser issir ħarġa madwar iż-Żejtun. | Viċi-Sindku |
| 08. | 9. | 26 | Viċi-Sindku: Ħmieġ f'Bulebel | Il-Viċi-Sindku irrapurtat il-problema ta' alka li nfetgħet f'Bulebel iżda wara interevent li sar min-naħa tal-Kunsill jidher li l-alka tneħħiet u din ser tidħol mal-kampnaja 'Żejtun Nadif Għalik u Għalija'. | Viċi-Sindku |
| 08. | 9. | 27 | Viċi-Sindku: Attivita' f'Baystreet | Il-Viċi-Sindku qalet lill-Kunsill li kienet avviċinata mis-Sur Martin Sapiano li f'għeluq snin Baystreet ġiet mistiedna ittella' wirja ta' crafts kif ukoll ser issir promozzjoni għal Żejt iż-Żejtun 2010 billi jsir olive oil tasting. Dan ser isir bejn it-28 u d-29 ta' Novembru. Il-Viċi-Sindku stiednet lill-Kunsilliera sabiex min ikun irid jieħu sehem javvicinaha. | Viċi-Sindku |
| 08. | 9. | 28 | Viċi-Sindku: Kompetizzjoni tal-Presepji | **Il-Kunsill qabel li bħas-snin l-imgħoddija tiġi mnedija l-kompetizzjoni tal-presepji, f'żewġ kategoriji: waħda għal presepji żgħar magħmula mit-tfal u kategorija oħra għal presepji kbar barra dawk fid-djar li jkunu aċċessibbli għall-pubbliku. Il-kompetizzjoni tkun miftuħa sa l-20 ta' Diċembru.** | Viċi-Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 9. | 29 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | **Il-Kunsill qabel li s-sotto kumitat tal-familja jorganizza l-attivitajiet li ġejjin: 28/12/09 - Party għat-Tfal, 04/01/10 - Hike/Circus, 09/01/10 - Christmas Dinner Dance. Ser isiru wkoll il-fjuri mal-kanċelli taċ-ċimiterji fl-Għid ta' l-Imwiet.** | Viċi-Sindku |
| 08. | 9. | 30 | Viċi-Sindku: Bus Stop ħdejn id-Dar ta' l-Anzjani | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex l-ADT tagħmel bus stop ħdejn il-Dar ta' l-Anzjani. | Darmanin |
| 08. | 9. | 31 | Sindku: Kwotazzjonijiet | **Il-Kunsill qabel nem.con li joħroġ kwotazzjoni għad-dwal tal-Milied, Ikel u Xorb Alkoħoliku għall-festin tal-Milied li ser isir nhar il-21 ta' Diċembru fis-Sala Alexandria.** | Segretarjat |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.20pm. Laqgħa oħra ser issir il-Ħamis, 12 ta' Novembru, 2009 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv